MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 1774/1997/1

**Avviz Nru:- 1774/97**

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'nota tat-30 ta' Jannar 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tal-kreditu pretiz**

**vs**

**Amante Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm371.43c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 313035 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok. A) liema

servizz gie stallat fil-fond Le Belle Flat/6, Tower Street, Msida u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok. B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Amante Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-preskrizzjoni kwinkwennali,

2. Illi, inoltre l-ammont pretiz mhux dovut u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali minghajr ma iccita l-artikolu rilevanti, izda mill-provi li jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tal-PL Noel Scerri prodott mill-Korporazzjoni attrici, jirrizulta illi sad-9 ta' Frar 1994 il-konvenut kien ghamel pagament akkont. Ghaldaqstant kien interrompa l-perjodu tal-preskrizzjoni li ghalhekk dan, jekk kien japplika l-perjodu ta' hames snin, kien jaghlaq fid-9 ta' Frar tal-1999.

Billi l-avviz gie pprezentat fl-1997 ma tirrizultax il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Dwar il-mertu, billi l-konvenut ma gab ebda prova in kontestazzjoni ta' dak illi qed jippretendu l-atturi, kif konfermat mid-deposizzjoni tax-xhieda minnhom prodotti, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u;

Il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija wiehed u sebghin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm371.43c).

Bl-imghax legali b'effett mit-22 ta' Awissu 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------